Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TNEJN u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL- Laqgħa Urġenti**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2013

**Ħin:** Mis-9am sas-9.30am

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Tletin laqgħa ta' nhar il- Ħamis 24 ta' Ottubru u l-Laqgħa aġġornata tal-Wieħed u Tletin laqgħa tal- Ħamis 31 ta' Ottubru 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier s- Sur Desmond Zammit Marmara talab li fl-aħħar paragrafu ta' *Item 11* għandhom jidħlu l-kliem " Is- Sur Zammit Marmara qal li din l-intervista' kellha x'taqsam mal-Kultura *u għalhekk taqa' taħt ir-reponsabbilta' tal-Kunsillier inkarigat mill-Kultura, jiġifieri hu stess. Il-Kunsiller Stephen Gatt mhuwiex inkarigat mill-Kultura. Għalhekk, is-Sur Zammit Marmara' jħoss li nqabeż f'din iċ-ċirkostanza"*. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara'. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru 2013 għandu jintema' l-appell li sar fuq it-tender li ngħata' għat-tindif tal-knis tat-toroq.

**3. <u>Ħatra ta' Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali</u>**

Is- Sindku qal li l-iskop ta' din il-laqgħa urġenti kienet biex jinħatar Ambaxxiatur għal- Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan fejn saqsa jekk kienx hemm xi nomini. Hawnhekk ġew nominati is-Sinjorina Antonella Briffa mill-Kunsilliera s- Sur Stephen Gatt u s-Sur Guido Borg kif ukoll ġie nnominat is- Sur Karl Valletta mill-Kunsillier s- Sur Desmond Zammit Marmara'. Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-

Kunsill li dawk nominati ma jridux jkunu għalqu t-tmintax il-sena skond kjarifika li ntbgħatet mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Hawnhekk kien hemm konferma li dawn it-tnejn kienu għalqu l-eta’ ta’ tmintax u għalhekk mhumiex eliġibbli. Is- Segretarju talab li jiġi nominat xi ħadd ieħor. Il-Kunsilliera is-Sur Guido Borg u s- Sur Stephen Gatt qalu li xi kunsilli oħra nnominaw persuni li kienu għalqu t-tmintax il-sena. Is- Sur Zammit Marmara’ rrimarka li jekk sar żball minn ħaddieħor ma għandux isir l-istess żball minnha u noqgħodu naqaw għaż-żufjett mad- Dipartiment.

Għalhekk f’dawn iċ-cirkostanzi is- Sur Stephen Gatt ippropona lit-tifel tas- Sindku, is –Sur Andrew Zammit Montebello. Is-Sindku wera x-xewqa li dan ma jseħx pero’ huwa ser joqgħod għal-kwalunkwe deċizjoni li tittieħed mill-Kunsill basta ma jkunx preżenti waqt din id-deċizjoni u għalhekk talab lis- Segretarju biex jiskuħa ruħu mil-kamra u ħareġ l-barra waqt li l-Kunsill kien qed jiddiskuti din il-kariga.

Fuq il-proposta tas- Sur Stephen Gatt u ssekondata mill-Viċi Sindku is-Sur Joe Galea, in-nomina ras-Sur Andrew Zammit Montebello bħala Ambaxxiatur għal-Kunsill Lokali ġiet approvata. Dawk favur kienu erba’(4) li kienu Is-Sur Joe Galea, Is- Sur Desmond Zammit Marmara’, Is- Sur Stephen Gatt u s-Sur Guido Borg. Xejn kontra. Assenti għal vot kien is- Sindku, Dr John Zammit Montebello.

Fuq nota oħra li ma għandix x’taqsam mal-ħatra ta’ Ambaxxatur, il-Kunsillier s- Sur Guido Borg feraħ lill-Gvern Ċentrali li fil-Budget għas-sena 2014, il-lokalita’ ta’ Ħal Balzan ser ikollha d- *Day Care Centre* tagħha.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data